**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 94/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB, datat 2 ta' Marzu 2020, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit- 2 t' April 2011 fir-registru pubbliku ta' Malta u minn daz-zwieg ma kellhomx ulied.
2. Illi l-partijiet sseperaw legalment permezz ta' kuntratt tas-seperazzjoni taghhom datat 16 ta' Jannar 2020, fl-atti tan-nutar Dr. Joanne Spiteri, kopja hawn annessa.

3. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien izjed minn erba’ snin.
4. Illi ma hemm ebda tama ghal rikonciljazzjoni.
5. Illi ma hemm ebda arretrati ta’ manteniment dovuti lil xulxin stante li l-partijiet ddekadew mid-dritt li jitlobu manteniment minghand xulxin, u kif inghad ma hemm ebda manteniment x’ jithallas ghal xi minuri peress li minn daz-zwieg ma twildux tfal.
6. Illi ir-rikorrenti taf b’ dal-fatti personalment li qed tikkonfermahom bil-gurament.

Ghaldaqstant, ghal ragunijiet hawn fuq imsemmija r-rikorrenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tiddikjara z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit- 2 ta’ April 2011mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikolu 66 A (1) Kapitolu 16;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien hekk prefiss mil-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex tali divorzju jigi debitament irregistrat skont il-ligi.

Il-Qorti rat ir-risposta ta’ CB, datat 18 ta’ Novembru 2020, fejn ecepixxa bir-rispett,

1. li l-esponenti qed jaghti ruhu b’ notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza,
2. Illi l-esponenti ma jopponix ghat-talba ta’ martu sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet mahlul skont il-ligi b’ dan li huwa ma jigi akkollat b’ ebda spejjez relattivi ghal dal-proceduri.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**